MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-8 ta' April, 2002

Rikors Numru. 9/2002/1

**Jane u Alfred Miceli**

**Vs**

**Marco u Maria Dolores Calleja**

Il-Bord,

Ra r-rikors;

Illi l-esponenti huma propjetarji tal-fond numru mija tnejn u disghin (192), hanut fi Triq Villambrosa, il-Hamrun.

Illi l-esponenti jikru l-fond fuq imsemmi lill-intimati Calleja bil-kera ta’ erba’ liri (Lm4) kuljum, pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem skond skrittura ddatata d-29 ta’ Marzu 2000;

Illi l-iskadenza tal-kera li tmiss taghlaq fl-ahhar ta’ Mejju 2001;

Illi l-intimati waqfu jhallsu l-kera dovut f'Mejju 2001 u baqghu inadempjenti minkejja li gew interpellati mill-anqas tlett darbiet skond il-ligi a terminu ta' l-artikolu 9(a) (1) tal-Kap 69;

Illi dawn ir-ragunijiet jaghtu lok lir-rikorrenti sabiex jigu awtorizzati jiehdu lura l-pussess tal-fond mikri billi ma jiggedditx il-kera;

Ghaldaqstant l-esponenti konjugi Miceli umilment jadixxu dan il-Bord u jitolbu li ai termini ta' l-artikolu 9 (a) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Bord jogghbu;

Jordna u jawtroizza lill-esponenti jirriprendu l-pussess tal-fond suggett ta' dawn il-proceduri billi l-intimati jigu ordnati jizgombraw minnu fi zmien qasi u perentorju li dan l-istess Bord jogghbu jifissa stante morozita' fil-hlas tal-kera min-naha ta' l-intimati bl-ispejjez.

Ra li fis-seduta ta' llum deheru r-rikorrenti u l-avukat taghhom.

Ra li fis-seduta ta' llum l-intimati ma deherux u lanqas ipprezentaw risposta .

Ra l-art 30 tal-Kap 69.

Jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzahom jirriprendu pussess tal-fond mija u tnejn u disghin (192), hanut fi Triq Villambrosa Hamrun, ghall-fini ta' l-izgumbrament jipprefiggu t-terminu ta' tlett (3) xhur millum; l-ispejjez jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------